MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Mandat Numru. 305/2013/1

**Fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug ta` Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 305/2013 JZM fl-ismijiet :**

**Ian Busuttil, impjegat bin il-mejjet George u Mary Busuttil imwieled tas-Sliema u residenti tas-Sliema bil-karta tal-identita` bin-numru 643062(M) u martu Jacqueline Busuttil, impjegata bint Alan George Steven u Kathleen Mary nee` Blannan, mwielda l-Ingilterra u residenti l-Imsida, detentrici tal-karta tal-identita` 10189(M)**

***kontra***

**Carmen Taliana, armla ta` Gaetano u bint il-mejtin Saviour u Antonia nee` Agius, imwielda Santa Venera u residenti Attard, bil-karta tal-identita` numru 191541(M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tal-konjugi Ian u Jacqueline konjugi Busuttil prezentat fit-28 ta` Frar 2013, u konfermat bil-gurament mir-rikorrent Ian Busuttil, fejn saret talba lil din il-Qorti biex izzomm lill-intimata milli –

*Tbiegh, tittrasferixxi, tnehhi, tiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratwitu l-appartament numru tnejn (2) li jifforma parti ta` blokk ta` appartamenti bin-numru ufficjali mitejn wiehed u erbghin (241) li jinsab gewwa Triq it-Torri, f`tas-Sliema, propjeta` tal-intimata.*

Rat illi din it-talba saret *in kawtela ta` pretensjoni ghal danni li ghandhom ir-rikorrenti kontra l-intimata u liema pretensjoni qed tigi dedotta f`kawza quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Ian Busuttil et vs Carmen Taliana" (Rik. 251/2011 MCH) differita ghad-9 ta` April 2013.*

Rat il-kopja tar-rikors guramentat fil-kawza *"Ian Busuttil et vs Carmen Taliana" (Rik. 251/2011 MCH)* li r-rikorrenti pprezentaw bhala dokument flimkien mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Frar 2013 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, fejn ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-risposta u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 14 ta` Marzu 2013 fis-2.00 p.m.

Rat illi l-intimata kienet notifikata fit-28 ta` Frar 2013 u pprezentat risposta fit-12 ta` Marzu 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn wara li rrizulta li r-risposta kienet prezentata *fuori termine*, ordnat l-isfilz taghha.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent Ian Busuttil fl-istess udjenza u rat iz-zewg dokumenti li pprezenta waqt id-deposizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, fosthom dik tad-difensur tal-intimata fis-sens illi ladarba kien irrizulta li fid-data tal-presentata tar-rikors promotorju, ir-rikorrenti Jacqueline Busuttil kienet assenti minn Malta, allura l-att kien irritu u null.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat** :

Talbiet ghall-hrug ta` mandati kawtelatorji (bhal ma huwa l-mandat ta` inibizzjoni) huma regolati bl-**Art 831 tal-Kap 12.**

Minn dan l-artikolu, is-subartikoli rilevanti ghar-rikors tal-lum huma dawn –

*(1) It-talba ghall-hrug ta' xi wiehed mill-atti msemmija ghandha ssir b'rikors imhejji mir-rikorrenti u ghandu jkun fiha, taht il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet ohra li jistghu jkunu ordnati b'regolamenti :*

*(a) l-origini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur ; u*

*(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista’ tkun sodisfatta bil-hlas ta’ ammont ta’ flus, l-ammont li ghalih tammonta t-talba.*

*Jekk il-kawza tkun digà giet ipprezentata fil-qorti, dik it-talba tista’ tispecifika u tinkludi l-ispejjez gudizzjarji kollha.*

*(2) Ir-rikors ghandu jigi konfermat mir-rikorrent bil-gurament :*

*Izda meta f’rikors ikun hemm iktar minn rikorrent wiehed li jkun qieghed jitlob il-hrug ta’ xi wiehed mill-atti kawtelatorji msemmija fl-artikolu 830(1) kontra l-istess intimat, il-gurament ghandu jittiehed minn ghall-inqas wiehed mir-rikorrenti.*

Fil-kaz tal-lum, l-intimata qeghda tghid illi r-rikors huwa irritu u null ghaliex fid-data tal-presentata tar-rikors, ir-rikorrenti Jacqueline Busuttil kienet assenti minn dawn il-Gzejjer.

Min-naha tieghu, ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament tieghu illi huwa kellu mandat verbali minghand martu r-rikorrenti Jacqueline Busuttil sabiex jagixxi ghan-nom taghha u jipprezenta r-rikors odjern. Jirrizulta li l-istess Ian Busuttil ikkonferma bil-gurament l-kontenut tar-rikors.

Hija l-fehma ta` din il-Qorti li r-rikors odjern huma konformi mal-Art 831 tal-Kap 12.

Ghandu jinghad illi l-eccezzjoni ta` nullita` tal-atti gudizzjarji hija regolata bl-**Art 789 tal-Kap 12** li jghid fejn l-eccezzjoni tista` tinghata –

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti ;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm –il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat ;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi :*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht is-subartikolu (1)(c), ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità.*

Waqt l-udjenza tas-smigh tar-rikors, din il-Qorti qaghdet attenta hafna ghas-sottomissjonijiet li saru mill-intimata.

Apparti l-kwistjoni li r-rikorrenti Jacqueline Busuttil ma kenitx Malta meta saret il-presentata tar-rikors, l-intimata kkontestat il-pretensjoni tar-rikorrenti fil-mertu.

Mhuwiex kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fil-mertu ghax dak irid jigi trattat u deciz fil-kawza li ghaliha ghamlu riferenza r-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Fl-istess waqt din il-Qorti, wara li qieset l-Art 789 tal-Kap 12, ma sabet l-ebda disposizzjoni li taghti sahha lill-linja li hadet l-intimata fil-procediment tal-lum.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi n-nullita` ta` l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas fl-att – formali jew sostanzjali – ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk l-att ghandu jitwaqqa` biss ghal ragunijiet gravi.

Fil-kaz tal-lum, bil-fatt illi Jacqueline Busuttil kienet assenti minn Malta meta sar ir-rikors, l-intimata ma garrbet l-ebda pregudizzju ladarba rrizulta li l-istess Jacqueline Busuttil tat mandat lil zewgha r-rikorrent l-iehor biex jipprezenta r-rikors li kien ikkonfermat bil-gurament mill-istess Ian Busuttil. Il-fatt li l-*occhio* ma jirriflettix l-assenza minn Malta ta` Jacqueline Busuttil ma jirrendix ir-rikors irritu u null.

In kwantu ghall-procediment in kwantu tali, jirrizulta li r-rikorrenti talbu l-hrug tal-Mandat skond l-**Art 874(1) tal-Kap 12** li jaqra hekk –

*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skond ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*

Il-kreditu pretiz mir-rikorrenti kontra l-intimata jaqbez is-€70,000. Dan jirrizulta mir-rikors promotorju, minn dak dikjarat mir-rikorrenti fir-rikors guramentat, u minn dak

dikjarat bil-gurament mir-rikorrent Ian Busuttil fl-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013.

Jirrizulta illi r-rikorrenti diga` kisbu wkoll il-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru 336/2011 kontra l-intimata. Kif jirrizulta wkoll li anke terzi diga` kisbu l-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru 1188/2011 kontra l-intimata. Il-kreditu tat-terzi jammonta ghal €76,445.96. Wara l-ispedizzjoni taz-zewg Mandati ta` Sekwestru, wiehed mis-sekwestratarji u cioe` l-HSBC Bank Malta plc iddepozita taht l-awtorita` tal-qorti s-somma ta` €79,195.86 *sabiex tigi zbankata minn min ghandu dritt ghaliha skond il-ligi.* Huwa evidenti illi jekk il-kredituri tal-intimata jottjenu
titolu ezekuttiv kontra taghha jista` jkun hemm il-htiega li jsir konkors bejniethom ghall-ammont depozitat. Li allura jfisser li bil-mod kif l-HSBC Bank Malta plc effettwat id-depozitu, il-posizzjoni tar-rikorrenti mhijiex adegwatament ikkawtelata mil-Mandat ta` Sekwestru kif tista` tkun jekk din il-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni. Kwindi fic-cirkostanzi din il-Qorti tghid illi l-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa gustifikat anke ghaliex fit-talba tar-rikorrenti hemm sodisfatti r-rekwiziti ta` l-Art.874 tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda :**

**1) Tilqa` t-talba tar-rikorrenti.**

**2) Tordna l-hrug ta` Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimata sabiex la tbiegh, la tnehhi, la tittrasferixxi u lanqas tiddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-appartament propjeta` taghha bin-numru tnejn (2) li jifforma parti minn blokk ta` appartamenti bin-numru ufficjali mitejn wiehed u erbghin (241) li jinsab gewwa Triq it-Torri, Tas-Sliema.**

**3) Ghall-fini tal-Art 874(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tar-rikorrenti, tinnotifika dan il-Mandat ta' Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta' l-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f'registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**4) Tordna lill-intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------